

31993D0158

19.3.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 68/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ottubru 1992

li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li tikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva Komunitarja rigward pajjiżi terzi, id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE, u l-ħtiġiet regolatorji korrispondenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fir-rigward ta' kummerċ f'laħam frisk tal-bovini u tal-majjali

(93/158/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi, dan il-kontroll komparattiv ġie kkompletat u wera li l-ħtiġiet regolatorji tal-Komunità u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika bażikament jipprovdu salvagwardji ekwivalenti kontra riskji għas-saħħa pubblika;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċmebru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u ta' ispezzjoni veterinarja ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini u suwini u ovini u kaprini u laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala "d-Direttiva Komunitarja ta' pajjiżi terzi",

Billi, sabiex jiġi assigurat rikonoxximent ta' ekwivalenza, huwa mixtieq li jiġi stabbilit proċess miftiehem għall-applikazzjoni tal-ħtiġiet regolatorji ta' kemm il-Komunità kif ukoll l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex jiġi salvagwardat u faċilitat kummerċ futur fil-laħam frisk tal-bovini u tal-majjali; billi intlaħaq Ftehim għal dak l-iskop;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 87/257/KEE tat-28 ta' April 1987 dwar il-lista ta' stabbiliment fl-Istati Uniti ta' l-Amerika approvata għall-iskop ta' importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità ⁽²⁾,

Billi, fil-kuntest ta' l-istabbiliment ta' dan il-proċess, il-Kummissjoni tissottometti proposti approprijati lill-Kunsill dwar id-Direttiva Komunitarja ta' pajjiżi terzi;

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi, taħt skambju ta' ittri ffirmati fis-7 ta' Mejju 1991, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 91/552/KEE, il-Kummissjoni u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika bdew eżami komparattiv tad-Direttiva Komunitarja ta' pajjiżi terzi u ħtiġiet regolatorji korrispondenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fir-rigward tal-kummerċ f'laħam frisk tal-bovini u tal-majjali, bl-iskop li jiġi determinat jekk il-ħtiġiet Komunitarji u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika humiex ekwivalenti;

Billi, fil-perjodu intervenenti bejn il-konklużjoni tal-ftehim u l-implimentazzjoni kompleta tal-miżuri hemmhekk, huma meħtieġ miżuri *interim* sabiex jippermettu għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti addizzjonali fl-Istati Uniti ta' l-Amerika bl-iskop ta' importazzjoni ta' laħam frisk tal-bovini u tal-majjali fil-Komunità;

⁽¹⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament KEE Nru 1601/92 (ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13).

⁽²⁾ ĠU L 121, tad-9.5.1987, p. 46. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/522/KEE (ĠU L 283, tal-11.10.1991, p. 14).

Billi l-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fil-forma ta' skambju ta' ittri li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' Direttiva Komunitarja ta' pajjiż terz, id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE u l-ħtiġiet regolatorji korrispondenti ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fir-rigward ta' kummerċ fil-laħam frisk bovin u tal-majjali huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna fis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ottubru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GUMMER